# IS-SWAR TA' BORMLA:
## Taħt il-Franċiżi, l-Ingliżi u l-Maltin

*Kitba ta' John Vella*
*AMInstCM, HDipCTC(Jersey), DSS(Hist)*

F'din it-tielet u l-aħħar parti ta' l-artiklu tiegħi dwar is-swar u l-fortifikazzjonijiet ta' Bormla ser inwasslilkom tagħrif dwar x'ġara mill-fortifikazzjonijiet fi żmien il-ħakma tal-Franċiżi (1798-1800), u tul iż-żmien li kienu jmexxu 'l Malta l-Ingliżi (1800-1964). Ma' dan inżidu x'ġara taħt il-Gvernijiet Maltin sal-lum. Għal min jixtieq isib it-tagħrif kollu taż-żewġ artikli l-oħra, dan jista' jsibhom fil-ħarġa ta' l-1996 fejn jiena ktibt fuq is-Swar ta' Santa Margerita[1] u fil-ħarġa ta' l-1997 dwar is-Swar ta' Cotoner.[2]

## IL-BORMLIŻI BAQGĦU SA L-AĦĦAR

Fid-9 ta' Ġunju 1798, il-Flotta Franċiża taħt it-tmexxija tal-Ġeneral Napoleon Bonaparte, bdiet l-invażjoni ta' Malta, bl-iskuża li l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann ma kenitx ħalliethom jidħlu jieħdu l-ilma.[3] Meta l-Flotta Franċiża kienet qrib Malta fl-1798 u wkoll waqt l-invażjoni f'Malta, l-Ordni tefgħet lil Bormla taħt il-kommendatur u kmandant tax-xwieni Annibale de Subiras. F'Bormla, kien hawn ftit li kienu partitarji tal-Franċiżi, magħrufa bħala l-Ġakbini. Huma fixklu bil-bosta waqt it-tħejjija għad-difiża tas-swar. Fl-10 ta' Ġunju 1798, f'Bormla twaqqaf il-moviment tar-reżistenza.[4]

Meta nhar it-12 ta' Ġunju 1798, l-Ordni qablu li jiffirmaw il-konvenzjoni li ressqulhom il-Franċiżi, f'Bormla din il-qasma kienet ukoll tinħass bejn il-membri ta' l-Ordni fit-Tlett Ibliet, hekk li xorta kien għadu jseħħ xi sparar minn fuq is-swar. Billi l-Bormliżi ma ridux iċedu, il-Gran Mastru Ferdinand von Hompesch talab l-għajnuna ta' l-Isqof Labini u ta' Dun Salv Casha, rettur tal-Knisja ta' l-Erwieħ tal-Belt Valletta, biex imorru jikkalmaw is-sitwazzjoni. Imma billi dan ma seħħx minnufih, ta' Bormla ngħataw l-ordni li jridu jċedu sa nofs inhar tat-12 ta' Ġunju stess. Sadattant il-fortifikazzjonijiet l-oħrajn kollha, inkluż dawk tal-Belt Valletta, kienu diġà taħt il-Franċiżi biex b'hekk sar possibli li l-flotta tidħol fil-Port il-Kbir.[5]



*Bormla mill-ajru.*

## IL-FRANĊIŻI STMAWNA ĦAŻIN

Minn wara t-tluq ta' Napuljun, Malta tħalliet f'idejn il-Ġeneral Vaubois u l-qiegħa bdiet tisħon, minħabba l-arroganza tal-Franċiżi. Wara l-irvell tal-Maltin fir-Rabat u l-Imdina, fit-2 ta' Settembru 1798, u r-rebħa ta' l-Imdina mill-Maltin l-għada t-3 ta' Settembru, il-Maltin li kienu kontra l-Franċiżi niżlu biex jattakkaw f'żewġ postijiet. Folla kellha tattakka lill-Floriana biex jidħlu l-Belt Valletta, u folla oħra ġriet lejn Bormla. L-attakk fuq il-Floriana wassal lill-Franċiżi biex jirtiraw wara s-swar tal-Belt Valletta. Skond il-Ġeneral Vaubois it-truppi Franċiżi kellhom jissieltu ma' ljuni rrabjati. Il-folla li ġriet lejn Bormla kienet miftehma mal-Bormliżi sabiex tagħmel l-istess kif ġara fl-Imdina u fil-Floriana; jiġifieri li l-Maltin joqtlu t-truppi Franċiżi kollha u l-Maltin jaħtfu lil Bormla f'idejhom biex b'hekk il-Franċiżi jassedjaw ruħhom fil-Birgu u l-Isla. Għalkemm il-ġlied tal-Maltin, li kienu armati, kien kbir u qalbieni, u l-ħsieb tagħhom li jġiegħlu lill-Franċiżi jirtiraw wara s-swar tal-Birgu u l-Isla rnexxa, kellhom jirtiraw.[6] Il-Bormliżi waqt it-taqbida sabu wkoll l-għajnuna ta' numru kbir ta' Żabbarin, iż-Żwieten u ż-Żrieraq li daħlu minn barra s-Swar tal-Cotoner. Issa l-Franċiżi rtiraw lejn l-Isla u l-Birgu. U fuq kollox il-Bormliżi neħħew il-bandiera Franċiża li kienet ittellgħet fuq il-Knisja Parrokkjali, b'ordni tal-gvern.[7]

Il-Franċiżi li kienu f'numru kbir madankollu ddeċidew li joħorġu u jimbarraw numru ta' bibien tas-Swar ta' Cotoner bil-ġebel sabiex ikun eħfef għalihom li jiddefendu u jikkontrollaw id-dħul u l-ħruġ tan-nies.[8] Huma mbarraw il-Bibien ta' San Alwiġi, ta' San Ġakbu, ta' San Nikola, ta' San Ġwann, u ta' San Pawl li m'għadux jeżisti. Il-bibien l-oħra għadhom imbarrati sal-lum, u tajjeb li dawn issirilhom xi ħaġa li tfisser il-ġrajja. Ir-rabja tal-Franċiżi fil-Birgu u l-Isla spiċċat biex ġiegħlet lill-Ajjutant Ġeneral Brouard joħroġ b'522 suldat u 22 fizzjal jisfida lill-Bormliżi li jekk ma jifthux it-toroq fi żmien għoxrin minuta kien ser jinfetaħ in-nar fuqhom u l-kanuni ta' l-iġfna jisparaw fuq id-djar. Il-Bormliżi ħraxu aktar kontra l-Franċiżi minħabba li qabdu lil xi uffiċjali Franċiżi jippruvaw jissakkeġġjaw il-Knisja Parrokkjali. Waqt li l-Maltin li daħlu f'Bormla kienu qegħdin jirtiraw huma serqu l-polverista. Jingħad ukoll li l-Bormliżi kellhom iċedu minħabba li ma sabux l-għajnuna tan-nies tal-Birgu u ta' l-Isla.[9]


*Bieb San Ġakbu, imbarrat u bl-armi mibruxa.*

Bi tpattija għal dak li għamlu l-Bormliżi, il-Franċiżi keċċew bil-forza 'l barra mis-swar lin-nisa u t-tfal tal-Bormliżi li ħadu sehem fl-irvell.[10] Minn dak il-jum 'il quddiem il-Franċiżi stmaw lill-Bormliżi b'mod ħażin ħafna; bdew jiffuċilawhom fit-toroq, jiżgassaw u jidħlu fid-djar u jisirqulhom, rekwiżizzjoni ta' djar biex jużawhom it-truppi, torturi u f'kull min jiġihom suspett bdew jitfgħuh b'ta' fuqu senduqu 'l barra mis-swar. Kien hemm drabi fejn intefgħu 'l barra minn Bormla mill-Bieb tas-Salvatur eluf ta' Bormliżi, ta' kull età. Dawk li baqgħu ġewwa Bormla tul l-Imblokk batew ħafna mir-restrizzjonijiet li mponew fuqhom il-Franċiżi, għaks, ġuħ u mard. Min kien jipprova joħroġ mis-swar kien jiġi maqtul dak il-ħin. Tul is-sentejn ta' l-Imblokk il-Maltin sabu ruħhom jassedjaw is-swar li huma bnew biex jiddefenduhom.[11]



*Il-bust tal-Gran Mastru Nikol Cotoner, li l-Franċiżi kienu lesti li jieħdu lejn Franza.*

## L-ATTAKKI FUQ IS-SWAR

L-attakki tal-Maltin fuq is-swar seħħew kif ġej. F'Ottubru 1798 sar attakk min-naħa ta' Ħaż-Żabbar, hekk li fis-26 ta' l-istess xahar il-Franċiżi matul il-lejl imbarraw bil-ġebel il-Bieb ta' Bormla li jagħti lejn Ħaż-Żabbar (Bieb is-Sultan).[12] Il-Bormliżi flimkien ma' Maltin oħra attakkaw minn batteriji li bnew t'Tal-Borġ u Ta' Kordin, fil-21 ta' Novembru, fl-4 ta'Diċembru u bil-kbir fit-8 ta' Diċembru 1798.[13] F'Jannar 1799 waslet l-għajnuna tal-Kaptan Ingliż Alexander John Ball. Il-Maltin bdew jaħsbu biex jattakkaw u jfarrku l-galeri tal-flotta Franċiża li kienu fid-daħla ta' Bormla. Attakk qawwi ieħor tal-Maltin seħħ nhar il-15 ta' Jannar 1799 mill-bajja ta' Għajn Dwieli, imma m'a rnexxielhomx jidħlu fis-swar.[14] Lejn l-aħħar ta' l-Imblokk meta l-Franċiżi bdew jaħsbu biex iċedu u jaħarbu, serqu u kaxkru ħafna affarijiet magħhom. Fuq il-ġifen 'Athenien' kienu ħadu saħansitra l-bust ta' Nikola Cotoner li jinsab f'Bieb is-Sultan. Imma kif saret il-kapitulazzjoni qabduhom l-Ingliżi u l-bust irritorna f'postu.[15]

## L-INGLIŻI ĦELSUNA

Hekk kif ħelsuna mill-Franċiżi, fl-20 ta' Settembru 1800 l-Ingliżi stazzjonaw f'Bormla ħames kumpaniji ta' l-'89th Regiment'. F'Bormla bosta drabi kien ikun hawn il-Kaptan Alexander Ball li ħadem ħafna mal-Bormliżi waqt l-Imblokk.[16] Issa f'Bormla l-popolazzjoni kienet reġgħet laħqet is-6,333 ruħ.

## MIN JIBNI...

Fil-medda art ta' Bormla li tiġi bejn is-Swar ta' Santa Margerita u dawk tal-Cotoner, dik li wara l-1670 saret magħrufa bħala l-Cottonera, l-Ingliżi sabu spazju biżżejjed fejn jikkampjaw u jistazzjonaw ir-reġimenti tagħhom.[17] Id-daħla ta' Bormla kienet ta' importanza kbira wkoll għall-Flotta Ingliża billi fiha kien hemm diġà żviluppati s-snajja marbuta mat-tarznari, sa minn żmien żemżem, u fl-1 ta' Mejju 1843 beda x-xogħol tal-Baċir. Għalkemm il-ferment li qam f'Bormla dwar it-teħid tax-xatt u s-suq, biex isir il-Baċir dam is-snin, żgur li ma kienx ta' periklu daqs dak ta' kontra l-Franċiżi. Imma xorta waħda l-Ingliża ħassew li għandhom jipprovdu wkoll kenn għat-truppi tagħhom u l-uffiċjali. Għalhekk fl-1853 bejn il-Forti Verdala, li kienet kumplimentari mas-swar ta' Santa Margerita u mqabbda magħhom. It-truf ta' din il-Forti kienu jħaddnu magħhom parti mis-Sut ta' Santa Liena, il-Kortina tal-Firenzuola bil-

Bieb ta' San Klement li nbena fl-1658[18], u s-Sur ta' Firenzuola. Fil-parti l-ġdida l-Ingliżi għamlu 384 post għall-musketterija jiġifieri bokok għall-azzarini.[19] Din il-Forti sarilha wkoll foss fuq in-naħa li tħares lehn il-bini, għax l-Ingliżi ma setgħu qatt jinsew li hekk kif il-Maltin qamu għall-Franċiżi setgħu jqumu għalihom. Fil-parti l-ġdida sar ukoll Bieb bl-arma Rjali tal-Gran Brittanja. Minn ġewwa flok imħażen l-Ingliżi għamlu żewġ sulari ta' kmamar għall-użu ta' l-uffiċjali. Il-Forti kellha wkoll ġibjuni biex jilqgħu fihom l-ilma tax-xita. Min ikollu x-xorti jitla' fuq is-swar ta' din il-Forti jista' jgawdi dehra ferm sabiħa tal-port, u l-kumplament ta' Malta.

Sena wara fl-1854, l-Ingliżi komplew isaħħu d-difiża tat-truppi tagħhom, billi bnew is-swar ta' San Klement[20] li minn fuq il-foss ta' barra l-Forti Verdala (in-naħa li hi parti mis-Swar ta' Santa Margerita), jibqgħu sejrin sas-Swar tal-Cotoner. Fis-Sur ta' San Klement (fil-Linji tal-Cotoner) huma bnew ukoll fortizza. B'hekk għalqu spazju biżżejjed biex iħares lir-reġimenti li kienu jkunu stazzjonati f'Malta u waqt il-parati. Minbarra dan il-għan is-swar ta' San Klement kellhom ukoll iservu għad-difiża ta' Bieb is-Sultan u Bieb il-Polverista f'każ ta' xi attakk minn dawn l-inħawi wara li jintgħelbu. Id-disinn ta' din il-fortifikazzjoni sar fl-Ingilterra u f'Bormla x-xogħol tmexxa taħt id-direzzjoni ta' l-Inġinier Munroe. Xi storiċi jżidu wkoll li min-naħa ta' dan l-Inġinier sar żball meta ħalla li t-tajn ta' bejn il-ġebel ikun magħġun bl-ilma baħar. B'hekk jingħad li l-ewwel sinjali ta' tmermir deher fuq il-ġebel.[21]

## ...U MIN IĦOTT

L-Ingliżi ma tantx damu jħabblu rashom li ser ikunu attakkati, wisq inqas mill-Maltin, issa li bdew iduqu l-ġid li magħha ġabet il-flotta.[22] Issa l-aktar ħaġa meħtieġa għalihom kienet li jkollhom tarzna tajba biżżejjed biex tlaħħaq mal-ħtiġiet tal-flotta tagħhom fil-mediterran. Fl-1877 huma fetħu l-pont u l-Mina li minn Għajn Dwieli tgħaddi għal taħt Sur San Pawl u twasslek aktar qrib tat-tarzna.[23] Sa mill-1864 l-Ingliżi ħasbu sabiex jiżviluppaw it-Tarzna fil-bajja ta' Għajn Dwieli. Fl-1902, beda x-xogħol fuq il-Baċiri li kellhom jieħdu post il-bajja ċkejkna u sabiħa li kienet tinsab f'Għajn Dwieli u li wara l-1842 imtliet bid-dgħajjes tal-Bormliżi. Ix-xogħol fuq din in-naħa tal-Port kellu wkoll jara t-tiġrif ta' medda mhux ħażin mis-swar ta' Cotoner, li kienu l-Kortina u l-Bieb ta' San Pawl[24] u s-Sur ta' Valperga, u parti minn dawk ta' Santa Margerita, li kienet tinkludi s-Sur u l-bastjuni ta' San Franġisk de Paola.[25]

## IS-SEKLU GĦOXRIN

Mill-gwerer ta' tmiem is-Seklu Dsatax sa l-Ewwel Gwerra Dinjija, Bormla rat is-swar tagħha u madwarhom jimtlew b'aktar reġimenti u truppi li kienu jaqdu lill-Kuruna Britannika. Hekk, biex nagħtu eżempju, barra xi bibien għadek issib mafkar ta' dawn iż-żminijiet bl-ittri IR li tfisser Infanterija u Reġimenti, li turina fejn kienu jikkampjaw. Dan għadu jidher f'Tal-Foss, fuq l-Għolja ta' Ġerman, Bormla, hekk kif toħroġ mill-Bieb ta' San Ġwann. Fit-Tieni Gwerra dawn il-Fortifikazzjonijiet ma baqgħux daqshekk importanti meta wieħed iqis li l-invenzjoni ta' l-ajruplani ma kinitx ser titwaqqaf mis-swar. Dawn il-fortifikazzjonijiet però ntużaw bħala ħabs għall-priġunieri tal-gwerra. Qabel it-Tieni Gwerra, infetħet dik li hija l-Mina l-Ġdida li minn Pjazza Santa Margerita tagħti għal tul Triq il-Ġublew tal-Fidda, biex hekk taqdi t-traffiku. L-Ingliżi biex ikollhom aċċess aħjar għat-tarzna kienu wkoll fetħu żewġ mini madwar il-Bieb ta' Santa Liena u l-Mina tal-Polverista. Fis-swar tal-Cotoner infetħu wkoll mina li tagħti għall-Kalkara, mina biswit Bieb is-Sultan u ċċarrat ukoll is-sur, u l-mina ta' San Tumas li tagħti għall-Fgura.

## TOROQ U TIĊRIT BL-ADDOĊĊ

Wara l-Gwerra, twaqqgħet parti mis-sur li jinsab fi Pjazza Santa Margerita, bejn il-Cafè

Riche u l-venda tal-karozzi tal-linja, u tneħħiet il-Bwejba Santa Margerita li minnha kont tgħaddi fuq pont ċkejken u taqbad in-niżla lejn il-Kalkara. Parti akbar ta' dan is-sur tneħħiet fl-1979, biex twessgħu it-toroq. Parti oħra li tneħħiet mis-Swar ta' Santa Margerita hija dik fejn kien hemm ir-Rock Gate li tagħti għal Triq il-Cottonera.

Fis-snin 1975-76 iċċartet parti sewwa mis-sur li jagħlaq il-Forti Verdala sabiex jiddaħħal il-makkinarju, u baqa' hekk sal-lum: mibni b'ġebel li ma jaqbel xejn. F'dawn is-snin ukoll parti mis-Sur ta' l-Almoner biex infetħet Triq San Ġwann min-naħa ta' fuq. Fis-snin 1985-87, iċċartet parti mill-Kortina ta' Santa Liena sabiex Triq Alessandra tilħaq ma' Triq San Nikola.



*Il-Bieb tal-Barracks ta' Verdala, Bormla.*

Tabilħaqq hu ta' mistħija meta tqis li l-barranin (l-Ingliżi) kienu jaħsbu sabiex isalvaw il-wirt storiku u arkitettoniku ta' pajjiżna, u aħna l-Maltin kissirna u farrakna bl-addoċċ. Nittamaw li nitgħallmu minn dawn l-iżbalji u ma nirrepetuhomx. Dak li nitilfu nitilfuh għal dejjem, imma l-wirt storiku li ngħożżuh u nindukrawh, ikun ta' ġid għalina u għal uliedna, għax jedukana. Nittamaw ukoll li r-restawr li nbeda tul dawn l-aħħar ħames snin jitkompla.

**REFERENZI**


[1] Vella, John: *'Is-Swar ta' Santa Margerita'* - Programm tal-Festa ta' Marija Immakulata fil-Belt ta' Bormla 1996 - Ktejjeb maħruġ mill-Kumitat Festa Marija Immakulata 1996; paġni 33-45.

[2] Vella, J: *'Is-Swar ta' Bormla: Is-Swar ta' Cotoner'* - Programm tal-Festa ta' Marija Immakulata fil-Belt ta' Bormla 1997 - Ktejjeb maħruġ mill-Kumitat tal-Festa Esterna ta' Marija Immakulata; paġni 33-39.

[3] Laspina, Rev. Mgr. S.: *Outlines of Maltese History* (11th Edition revised - Publishers: A.C. Aquilina & Co., Malta 1970); p179.

[4] Testa C.: *Maż-Żewġ naħat tas-Swar,* (Malta 1982) pp. 27, 29, 34 u 49.

[5] Hardman W.: *A History of Malta 1798-1815,* (London 1909) pp.62-64.

[6] Hardman W.: p.115;
National Library of Malta: Manuskritt 269, folio 26v.

[7] Cutajar F.: *Occupazione Francese di Malta nel 1798,* (Malta 1933) p.21.

[8] Laspina: pp191-196.

[9] Cutajar: pp.47, 50, 83.
NLM: Msk. 269, fol. 29-29v.

[10] Hardman W.: p.115;
NLM Ms.269, f.52v-53.;
Castagna PP: *Lis Storia ta' Malta bil-Gżejer Tahha,* Tieni Darba, (Malta 1890), p.368.

[11] Galea Scannura, Charles: *Bormla fi Żmien il-Franċiżi,* f'Leħen il-Banda San Ġorġ, Nru. 21, Diċembru 1989, p.101.

[12] Testa C.: p.700.

[13] Testa C.: pp361, 377.

[14] Testa C.: pp491-493.

[15] Anderson A.: *Journal of the Forces on the Secret Expedition to Egypt,* (London 1802), p.136.

[16] Archiv. Archivesc. Melit. *Past. Visit. Labini,* 1801-05, f.102-107v.

[17] Bosta drabi l-Maltin waqt li jsemmu l-isem Cottonera jifhmu li qegħdin jirreferu għat-Tlett Ibliet. Dan hu żbaljat jekk kemm-il darba naħsbu li l-isem ingħata lit-Tlett Ibliet. L-isem ta' Cottonera kien l-isem li l-Gran Mastru Nicolo Cotoner ried jagħti lil dik il-parti ta' Bormla li tiġi bejn is-swar tiegħu u s-swar ta' Santa Margerita. Hu kellu l-ħsieb li jibni belt f'din il-parti kollha, u f'każ li s-swar ta' Santa Margerita ma jsirux skond il-pjanta oriġinali imma biss bħala fortizza ċentrali, Cotoner (c. 1670) ried li Bormla ta' bejn is-swar tiegħu u l-foss tal-Birgu tingħata l-isem ta' *Nuova Città Cottonera.* Imma dan ma seħħx u l-Bormliżi ftit li xejn kienu jaqblu li jibdlu isem Bormla. Fi ftit snin biex tkompli tneħħi l-isem maħsub minn Cotoner, ġara li l-Gran Mastru Zondadari (1720-22) sejjaħ lil Bormla bħala Città Cospicua u dan jidher li iktar saddad u għoġob lill-Bormliżi minn dak ta' Città Cottonera. Barra minn hekk il-ħtiġiet militari u difensivi ma ppermettewx li din il-parti ta' bejn is-swar tinbena. Il-Maltin ta' l-irħula bdew iqisu dak kollu li hu 'l ġewwa minn dawn is-swar bħala l-Cottonera, biex diversi drabi u b'mod żbaljat nattribwixxu dan l-isem għat-Tlett Ibliet. Il-parti kollha magħrufa bħala Cottonera hi kollha kemm hi parti minn Bormla u bl-ebda mod ma tifforma xi parti mill-Birgu jew l-Isla. Dan hu ppruvat u dokumentat f'ħafna u ħafna materjal storiku.

[18] Castagna, P.P.: *Lis Storia ta' Malta bil-Gżejer Tahha,* (It-Tieni Darba 1888), p.104.

[19] Guillaumier, Alfie: *Bliet u Rħula Maltin,* (Malta 1972), p.54.

[20] Guillaumier, p.54.

[21] Guillaumier, p.54.

[22] Ellul Galea, Karmenu: *L-Istorja tat-Tarzna,* (Il-Ħajja - Malta 1973) p.51, 58.

[23] Galea Scannura, Ch.: *Siltiet mill-Istorja ta' Bormla tas-Seklu Dsatax,* Leħen il-Banda San Ġorġ - Festa ta' l-Immakulata 1978, p.25.

[24] Minn dan il-Bieb kull m'għadu jidher hu l-partijiet imħaffra fil-blat li llum jinsabu mal-livell tat-triq Daħlet it-Tlett Ibliet mal-bankina qabel titla' lejn San Ġwann T'Għuxa.

[25] Ara d-disinji misjuba fil-ktieb *Fortresses of the Cross* ta' S.C. Spiteri fil-kapitli li jitkellmu dwar is-swar ta' Bormla, oo.401-424.


LAURENCE'S JEWELLERY

For the largest Selection of Gold Jewellery
Silver, Alpacca Frames,
Gold & Silver Repairs
Gold Plating

15, Ninu Cremona Street, Paola
*(corner with Paola Square)*
Tel: 662733

**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD**